

Brussell, 13 ta' Frar 2026
(OR. en)

6330/26
ADD 1

DELECT 30
AGRILEG 31
VETER 20

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 766 annex
Suġġett:	ANNESS tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' ċertu mard elenkat

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 766 annex.

Mehmuż: C(2026) 766 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.2.2026
C(2026) 766 final

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' ċertu mard elenkat

ANNESS

L-Annessi I, II, IV sa XII u XV huma emendati kif ġej:

1. L-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS I

EŻAMIJIET KLINIĊI, PROĊEDURI TA' TEĦID TA' KAMPJUNI, METODI DIJANJOSTIĊI TA' MARD TAL-KATEGORIJA A U TRASPORT TA' KAMPJUNI

(imsemmija fl-Artikolu 3)

A. Proċeduri ta' teħid ta' kampjuni

A.1 TEĦID TA' KAMPJUNI TA' ANIMALI GĦALL-EŻAMIJIET KLINIĊI

1. L-eżamijiet kliniċi jridu jinkludu, jekk possibbli:
 - (a) annimali li juru sinjali kliniċi ta' mard tal-kategorija A;
 - (b) annimali li x'aktarx ikunu mietu reċentement minn marda tal-kategorija A suspettata jew ikkonfermata;
 - (c) annimali b'rabta epidemjoloġika ma' każ suspettat jew ikkonfermat ta' marda tal-kategorija A;
 - (d) annimali li kisbu riżultati pożittivi jew mhux konklużivi f'eżamijiet preċedenti fil-laboratorju.
2. L-annimali li għandhom jiġu eżaminati jridu jintgħażlu b'mod aleatorju, f'numru kbir biżżejjed li jippermetti d-detezzjoni tal-marda tal-kategorija A, jekk preżenti, meta ma jkun hemm l-ebda sinjal ovvju ta' mard jew ta' leżjonijiet *post-mortem* li jissuġġerixxu l-preżenza ta' mard tal-kategorija A.
3. L-annimali li għandhom jiġu eżaminati u l-metodu tat-teħid ta' kampjuni jridu jintgħażlu f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti, l-evidenza xjentifika rilevanti għall-marda tal-kategorija A rilevanti, u mal-pjan ta' kontinġenza rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2016/429. L-annimali li għandhom jiġu eżaminati u l-metodu tat-teħid ta' kampjuni jridu jqisu l-profil tal-marda, u:
 - (a) l-iskop tat-teħid ta' kampjuni;
 - (b) l-ispeċijiet elenkati miżmuma fl-istabbiliment;
 - (c) in-numru ta' annimali tal-ispeċijiet elenkati miżmuma fl-istabbiliment;
 - (d) il-kategorija tal-annimali miżmuma;
 - (e) ir-rekords disponibbli tal-produzzjoni, tas-saħħa u tat-traċċabbiltà tal-annimali miżmuma rilevanti għall-investigazzjoni;
 - (f) it-tip ta' stabbiliment u l-prattiki tat-trobbija;
 - (g) il-livell ta' riskju ta' esponiment filwaqt li jitqiesu:
 - (i) il-probabbiltà ta' esponiment għall-aġent tal-marda tal-kategorija A jew għall-vettur;

- (ii) in-nuqqas ta' immunizzazzjoni tal-annimali minħabba tilqim jew immunità materna;
 - (iii) l-istorja tar-residenza fl-istabbiliment;
 - (h) fatturi epidemjoloġiċi rilevanti oħra.
4. In-numru minimu ta' annimali li għandhom jiġu eżaminati jrid ikun f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti, u mal-pjan ta' kontinġenza rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2016/429. In-numru minimu ta' annimali li għandhom jiġu eżaminati jrid iqis il-profil rilevanti tal-marda tal-kategorija A, u b'mod partikolari:
- (a) il-prevalenza mistennija tal-marda tal-kategorija A rilevanti fl-istabbiliment;
 - (b) il-livell ta' kunfidenza mixtieq tar-riżultati tal-istħarriġ, li fi kwalunkwe każ ma jridx ikun inqas minn 95 %;
 - (c) l-istandards internazzjonali u l-evidenza xjentifika rilevanti għall-marda tal-kategorija A rilevanti.

A.2 TEĦID TA' KAMPJUNI TAL-ANNIMALI GĦALL-EŻAMIJET FIL-LABORATORJU

1. It-teħid ta' kampjuni għall-eżamijiet fil-laboratorju jrid iqis l-eżitu tal-eżamijiet kliniċi msemmija fil-punt A.1 u, jekk possibbli, irid jinkludi l-annimali msemmija fil-paragrafu 1 tal-punt A.1.
2. Jekk ma jkun hemm l-ebda sinjal ovvju ta' mard jew ta' leżjonijiet *post-mortem* li jissuġġerixxu mard tal-kategorija A, il-kampjuni jridu jinġabru b'mod aleatorju f'kull unità epidemjoloġika tal-istabbiliment u jridu jippermettu d-detezzjoni tal-marda tal-kategorija A rilevanti, jekk preżenti.
3. L-annimali li għandhom jittieħdu kampjuni tagħhom, in-natura tal-kampjuni li għandhom jinġabru u l-metodu tat-teħid ta' kampjuni jridu jkun f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti, l-evidenza xjentifika rilevanti għall-marda tal-kategorija A rilevanti, id-dettalji u l-gwida rilevanti tal-Laboratorji ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea (EURL, European Union Reference Laboratories) u tal-Kummissjoni, u mal-pjan ta' kontinġenza rilevanti msemmi fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2016/429. L-annimali li għandhom jittieħdu kampjuni tagħhom, in-natura tal-kampjuni li għandhom jinġabru u l-metodu tat-teħid ta' kampjuni jridu jkunu jkunu l-profil rilevanti tal-marda tal-kategorija A u l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 tal-punt A.1.
4. In-numru minimu ta' annimali li għandhom jittieħdu kampjuni tagħhom irid ikun f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti, l-evidenza xjentifika rilevanti għall-marda tal-kategorija A rilevanti, id-dettalji u l-gwida rilevanti tal-EURL u tal-Kummissjoni, u l-pjan ta' kontinġenza rilevanti msemmi fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2016/429. In-numru minimu ta' annimali li għandhom jittieħdu kampjuni tagħhom irid iqis il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 4 tal-punt A.1 u t-tweqqif tat-testijiet użati.

5. Fil-każ ta' annimali selvaġġi, iridu jinġabru kampjuni minn annimali maqtula bi sparar, misjuba mejta jew maqbuda apposta jew iridu jinkisbu abbażi ta' metodi mhux invażivi bħal ħaġar tal-melħ u ħbula jew lixi li jintmagħdu. In-numru minimu u n-natura tal-kampjuni jridu jqisu d-daqs stmat tal-popolazzjoni selvaġġa u l-kriterji rilevanti stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 tal-punt A.1.

A.3 TEĦID TA' KAMPJUNI TAL-ISTABILIMENTI GĦAŻ-ŻJARAT

L-għażla tal-istabbilimenti fejn għandhom jittieħdu l-kampjuni, in-numru minimu ta' stabbilimenti li trid issirilhom żjara u l-metodu ta' teħid kampjuni jridu jkunu f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti, l-evidenza xjentifika rilevanti għall-marda tal-kategorija A rilevanti, u mal-pjan ta' kontinġenza rilevanti msemmi fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2016/429. L-għażla tal-istabbilimenti fejn għandhom jittieħdu l-kampjuni u l-metodu ta' teħid ta' kampjuni jridu jqisu l-profil tal-marda tal-kategorija A rilevanti u l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 tal-punt A1.

B. Metodi dijanjostiċi

It-tekniki, il-materjali ta' referenza, l-istandardizzazzjoni tagħhom u l-interpretazzjoni tar-risultati tat-testijiet imwettqa bl-użu tal-metodi dijanjostiċi rilevanti għall-mard tal-kategorija A jridu jikkonformaw mal-Artikolu 6 u mal-Parti III tal-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

Il-metodoloġija dijanjostika jrid ikollha l-għan li timmassimizza s-sensittività tas-sorveljanza. F'ċerti ċirkostanzi din is-sorveljanza tista' tinkludi l-użu ta' eżamijiet fil-laboratorju sabiex jiġi vvalutat l-esponiment preċedenti għall-mard.

C. Trasport tal-kampjuni

1. Il-kampjuni kollha meħuda biex tiġi kkonfermata jew eskluża l-preżenza ta' marda tal-kategorija A jridu jintbagħtu, b'tikkettar u b'identifikazzjoni xierqa, lil laboratorju uffċjali li jkun ġie informat bil-wasla tagħhom. Dawn il-kampjuni jridu jkunu akkumpanjati mill-formoli xierqa, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti mill-awtorità kompetenti u mill-laboratorju li jirċievi l-kampjuni. Dawn il-formoli jridu jinkludu mill-inqas:
 - (a) l-istabbiliment tal-oriġini tal-annimali inklużi fil-kampjun;
 - (b) informazzjoni dwar l-ispeċi, l-età u l-kategorija tal-annimali inklużi fil-kampjun;
 - (c) l-istorja klinika tal-annimali, jekk disponibbli u rilevanti;
 - (d) is-sinjali kliniċi u s-sejbiet *post-mortem*;
 - (e) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.
2. Il-kampjuni kollha jridu:
 - (a) jinħażnu f'kontenituri u imballaġġi li ma jgħaddix ilma minnhom u li ma jistgħux jinkisru u f'konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli;
 - (b) jinżammu fl-aktar temperatura u kundizzjonijiet oħra xierqa matul it-trasport filwaqt li jitqiesu l-fatturi li jstgħu jaffettwaw il-kwalità tal-kampjun.

3. In-naħa ta' barra tal-imballaġġ trid tkun ittikkettata bl-indirizz tal-laboratorju riċevitur u l-messaġġ li ġej irid jintwera b'mod prominenti:
 "Materjal patoloġiku tal-animali; jitħassar; fraġli; tiftaħx barra mil-laboratorju tad-destinazzjoni."
 4. Il-persuna responsabbli fil-laboratorju uffiċjali li tirċievi l-kampjuni trid tiġi informata fi żmien xieraq bil-wasla tal-kampjuni.";
2. fl-ANNEX II, it-tabella hija emendata kif ġej:
- (a) fir-ringiela għall-Infezzjoni bil-*Mycoplasma mycoides subsp. mycoides SC* (Plewropulmonite bovina li tittieħed) (CBPP), fit-tieni kolonna, il-perjodu ta' monitoraġġ ta' "45 jum" huwa sostitwit b'"90 jum";
 - (b) fir-ringiela għad-deni klassiku tal-ħnieżer (CSF), fit-tieni kolonna, il-perjodu ta' monitoraġġ ta' "15-il jum" huwa sostitwit b'"25 jum";
3. l-Anness IV huwa emendat kif ġej:
- (a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX IV

**PROĊEDURI GĦAT-TINDIF, GĦAD-DIŻINFIZZJONI U META MEĦTIEĠ
GĦALL-KONTROLL TAL-INSETTI U TAR-RODITURI**

(imsemmija fl-Artikoli 12, 15, 16, 39, 45, 55 u 57)";

- (b) fil-punt B, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:
 "(e) id-diżinfettant irid jibqa' fuq il-wiċċ trattat għal mill-inqas 24 siegħa, ħliet jekk ikun awtorizzat mod ieħor mill-awtorità kompetenti filwaqt li jitqies il-ħin minimu ta' kuntatt meħtieġ kif indikat mill-manifattur;"
 - (c) fil-punt C, fil-punt 1, il-punt (a)(i) huwa sostitwit b'dan li ġej:
 "(i) tgħaddi minn trattament bil-fwar f'temperatura ta' mill-inqas 70 °C għal perjodu minimu ta' 60 minuta;"
 - (d) fil-punt C, il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
 "3. Wara 7 ijiem, jew qabel jekk il-binjiet, l-uċuħ u t-tagħmir ikunu nixfu kompletament wara t-tlestija tal-attivitajiet meħtieġa f'konformità mal-punt 2, l-istabbilimenti jridu jerġgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati.";
4. l-Annessi V, VI u VII huma sostitwiti b'dan li ġej:

"ANNEX V

RAĠĠ MINIMU TA' ŻONI TA' PROTEZZJONI U SORVELJANZA

(imsemmija fl-Artikolu 21)

Indikat bħala r-raġġ ta' ċirku ċċentrat fuq l-istabbiliment

Mard tal-kategorija A	Żona ta' Protezzjoni	Żona ta' Sorveljanza
Marda tal-ilsien u d-dwiefer	3 km	10 km
Infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina	4 km	10 km
Infezzjoni bil-virus tad-deni tal-	20 km	50 km

Wied tar-Rift		
Infezzjoni bil-virus tal-marda tal-inafzet fil-ġilda	20 km	50 km
Infezzjoni bil- <i>Mycoplasma mycoides subsp. mycoides SC</i> (Plewropulmonite bovina li tittieħed)	1 km	3 km
Ġidri tan-nagħaġ u ġidri tal-mogħoż	5 km	20 km
Infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar	5 km	20 km
Plewropulmonite kaprina li tittieħed	1 km	3 km
Marda Afrikana taż-żwiemel	100 km	150 km
Infezzjoni b' <i>Burkholderia mallei</i> (Glanders)	Stabbiliment	Stabbiliment
Deni klassiku tal-ħnieżer	3 km	10 km
Deni tal-ħnieżer Afrikan	3 km	10 km
Influenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli	3 km	10 km
Infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle	3 km	10 km

“ANNEX VI
PROJBIZZJONIJIET FIŻ-ŻONA RISTRETTA
(imsemmija fl-Artikolu 27)

Tabella: Projbizzjonijiet ta’ attivitajiet li jikkonċernaw annimali ta’ speċijiet elenkati u l-prodotti tagħhom

PROJBIZZJONIJIET TA’ ATTIVITAJIET LI JIKKONĊERNAW ANNIMALI U PRODOTTI RELATATI MA’ MARD TAL-KATEGORIJA A¹	FMD	RP	RVFV	LSD	CBPP	SPGP	PPR	CCPP	CSF	ASF	AHS	GLANDERS	HPAI	NCD
Movimenti ta’ annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati minn stabbilimenti fiż-żona ristretta	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	NA	X	X
Movimenti ta’ annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati lejn stabbilimenti fiż-żona ristretta	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	NA	X	X
Ripopolament ta’ annimali tal-kaċċa tal-ispeċijiet elenkati	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	NA	X	X
Fieri, swieq, wirjiet u ġemgħat oħra ta’ annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati, inkluż il-ġbir u d-dispersjoni ta’ dawg l-ispeċijiet	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	NA	X	X
Movimenti ta’ semen, ooċiti u embrijuni miksuba minn annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati minn stabbilimenti fiż-żona ristretta	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	NA	NA	NA
Ġbir ta’ semen, ooċiti u embrijuni minn annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	NP	NA	NA	NA
Inseminazzjoni artifiċjali itineranti ta’ annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	NA	NA	NA
Servizz itineranti naturali għat-tnissil ta’ annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	NA	NA	NA

¹ Abbrevjazzjonijiet għall-mard tal-Kategorija A f’konformità mal-Anness II

Movimenti ta' bajd għat-tifqis lejn u minn stabbilimenti fiż-żona ristretta	NA	NA	NA	NA	NA	NA	NA	NA	NA	NA	NA	NA	NA	X	X
Movimenti ta' laħam frisk, eskluż il-ġewwieni, minn annimali miżmuma u selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati, minn biċċeriji jew stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa fiż-żona ristretta	X	X	X	NP	NP	NP	X	NP	X	X	NP	NA	X	X	
Movimenti tal-ġewwieni tal-annimali miżmuma u selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati, minn biċċeriji jew stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa fiż-żona ristretta	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	NP	NA	X	X	
Movimenti ta' prodotti tal-laħam miksuba minn laħam frisk tal-ispeċijiet elenkati minn stabbilimenti fiż-żona ristretta	X	X	X	NP	NP	NP	X	NP	X	X	NP	NA	X	X	
Moviment ta' ħalib mhux ipproċessat u kolostru miksuba minn annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati minn stabbilimenti fiż-żona ristretta	X	X	X	X	NP	X	X	NP	NA	NA	NP	NA	NA	NA	
Moviment ta' prodotti tal-ħalib u prodotti bbażati fuq il-kolostru minn stabbilimenti fiż-żona ristretta	X	X	X	NP	NP	NP	X	NP	NA	NA	NP	NA	NA	NA	
Moviment ta' bajd għall-konsum mill-bniedem minn stabbilimenti fiż-żona ristretta	NA	NA	NA	NA	NA	NA	NA	NA	NA	NA	NA	NA	X	X	
Movimenti ta' prodotti sekondarji tal-annimali minn annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati minn stabbilimenti fiż-żona ristretta, għajr karkassi sħaħ jew partijiet ta' annimali mejta	Demel, inkluż il-mifrex u l-marqad użat	X	X	X	X	NP	X	X	NP	X	X	NP	NA	X	X
	Ġlud, suf, lanżit u rix	X	X	NP	X	NP	X	X	NP	X	X	NP	NA	X	X
	Prodotti sekondarji tal-annimali għajr demel, inkluż il-mifrex u l-marqad użat, u għajr ġlud, suf, lanżit u rix	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	NP	NA	X	X
Moviment ta' materjali tal-ġhalf li joriġinaw mill-pjanti u ta' tiben miksuba miż-żona ristretta	X	X	NP	NP	NP	NP	NP	NP	NP	NP	NP	NA	NP	NP.	

NA = Mhux applikabbli

X = Projbizzjoni

NP = Mhux ipprobit

ANNESS VII

Parti I

TRATTAMENTI GĦALL-MITIGAZZJONI TAR-RISKJU GĦAL PRODOTTI TA' ORIĠINI MILL-ANNIMALI MIŻ-ŻONA RISTRETTA

(imsemmija fl-Artikoli 27, 33 u 49)

1. Trattamenti għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer

Laħam

Trattament bis-*sħana* f'kontenitur issiġillat ermetikament, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 * ta' 3;

Trattament bis-*sħana* biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' mill-inqas 80 °C;

Trattament bis-*sħana* biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' 70 °C għal minimu ta' 30 min;

Trattament bis-*sħana* f'kontenitur issiġillat ermetikament, bl-applikazzjoni ta' temperatura ta' mill-inqas 60 °C għal minimu ta' 4 sigħat;

Fermentazzjoni u maturazzjoni naturali għal perjodu minimu ta' 9 xhur, biex jinkisbu valuri massimi ta' A_w ta' 0,93 u pH ta' 6 fil-prodott kollu;

Tnixxif wara t-tmelliġ għal perjodu minimu ta' 182 jum, għal-laħam tal-porċini biss.

Budellati

Tmelliġ bil-klorur tas-sodju (NaCl) niexef jew bħala salmura saturata ($A_w < 0,80$), għal perjodu kontinwu ta' 30 jum jew itwal f'temperatura ambjentali ta' 20 °C jew aktar;

Tmelliġ b'melħ issupplimentat bil-fosfat 86,5 % NaCl, 10,7 % Na_2HPO_4 u 2,8 % Na_3PO_4 niexef jew bħala salmura saturata ($A_w < 0,80$), għal perjodu kontinwu ta' 30 jum jew itwal f'temperatura ambjentali ta' 20 °C jew aktar.

Ħalib

Trattament bis-*sħana*, jġigifieri proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3;

Trattament bis-*sħana* f'Temperatura Ultragħolja (UHT, Ultra High Temperature) f'minimu ta' 132 °C għal minimu ta' sekonda;

Jekk il-pH tal-ħalib ikun inqas minn 7, it-trattament bis-*sħana* tal-pastorizzazzjoni f'Temperatura għolja għal ħin qasir (HTST, High temperature short time) f'minimu ta' 72 °C għal minimu ta' 15-il sekonda;

Jekk il-pH tal-ħalib ikun 7 jew ogħla, it-trattament bis-*sħana* tal-pastorizzazzjoni HTST f'minimu ta' 72 °C għal minimu ta' 15-il sekonda, applikat darbtejn;

Trattament bis-*sħana* tal-pastorizzazzjoni HTST f'minimu ta' 72 °C flimkien ma' trattament fiżiku biex jinkiseb valur tal-pH ta' inqas minn 6 għal minimu ta' siegħa;

Trattament bis-*sħana* tal-pastorizzazzjoni HTST f'minimu ta' 72 °C flimkien ma' dessikazzjoni.

2. Trattamenti għall-pesta bovina

Ma hemm l-ebda trattament għall-mitigazzjoni tar-riskju għall-pesta bovina.

3. **Trattamenti għad-deni tal-Wied tar-Rift**

Laħam mingħajr ġewwieni

Maturazzjoni tal-karkassi f'temperatura minima ta' 2 °C għal minimu ta' 24 siegħa wara l-iskarnar.

Ġewwieni u laħam minn karkassi mhux immaturati

Trattament bis-šhana f'kontenitur issiġillat ermetikament, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3.

Ħalib

Trattament bis-šhana, jiġifieri proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3;

Trattament bis-šhana tal-pastorizzazzjoni f'Temperatura għolja għal ħin qasir (HTST) f'minimu ta' 72 °C għal minimu ta' 15-il sekonda.

4. **Trattamenti għall-marda tal-inafet fil-ġilda**

Ġewwieni

Trattament bis-šhana f'kontenitur issiġillat ermetikament, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3.

Budellati

Komodità sikura.

Ħalib

Trattament bis-šhana, jiġifieri proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3;

Trattament bis-šhana f'Temperatura Ultragħolja (UHT, Ultra High Temperature) f'minimu ta' 132 °C għal minimu ta' sekonda;

Trattament bis-šhana tal-pastorizzazzjoni f'Temperatura għolja għal ħin qasir (HTST) f'minimu ta' 72 °C għal minimu ta' 15-il sekonda;

Trattament biex jinkiseb pH ta' inqas minn 6 għal minimu ta' siegħa.

5. **Trattamenti għall-plewropulmonite bovina li tittieħed**

Ġewwieni

Trattament bis-šhana f'kontenitur issiġillat ermetikament, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3.

6. **Trattamenti għall-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż**

Ġewwieni

Trattament bis-šhana f'kontenitur issiġillat ermetikament, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3.

Ħalib

Trattament bis-šhana, jiġifieri proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3;

Trattament bis-šhana f'Temperatura Ultragħolja (UHT, Ultra High Temperature) f'minimu ta' 132 °C għal minimu ta' sekonda;

Trattament bis-*sħana* tal-pastorizzazzjoni f'Temperatura għolja għal ħin qasir (HTST) f'minimu ta' 72 °C għal minimu ta' 15-il sekonda;

Trattament biex jinkiseb pH ta' inqas minn 6 għal minimu ta' siegħa.

7. Trattamenti għall-*pesta tar-ruminanti żgħar*

Laħam

Trattament bis-*sħana* f'kontenitur issiġillat ermetikament, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3;

Trattament bis-*sħana* biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' mill-inqas 80 °C;

Trattament bis-*sħana* biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' 70 °C għal minimu ta' 30 min;

Trattament bis-*sħana* biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' 65 °C għal ħin biżżejjed biex jinkiseb valur minimu ta' pastorizzazzjoni ta' 40;

Trattament bis-*sħana* f'kontenitur issiġillat ermetikament, bl-applikazzjoni ta' mill-inqas 60 °C għal minimu ta' 4 sigħat.

Budellati

Tmelliġ bil-klorur tas-sodju (NaCl) niexef jew bħala salmura saturata ($A_w < 0,80$), għal perjodu kontinwu ta' 30 jum jew itwal f'temperatura ambjentali ta' 20 °C jew aktar;

Tmelliġ b'melħ issupplimentat bil-fosfat 86,5 % NaCl, 10,7 % Na_2HPO_4 u 2,8 % Na_3PO_4 niexef jew bħala salmura saturata ($A_w < 0,80$), għal perjodu kontinwu ta' 30 jum jew itwal f'temperatura ambjentali ta' 20 °C jew aktar.

Ħalib

Trattament bis-*sħana*, jgħifieri proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3;

Trattament bis-*sħana* f'Temperatura Ultragħolja (UHT, Ultra High Temperature) f'minimu ta' 132 °C għal minimu ta' sekonda;

Jekk il-pH tal-*ħalib* ikun inqas minn 7, it-trattament bis-*sħana* tal-pastorizzazzjoni f'Temperatura għolja għal ħin qasir (HTST, High temperature short time) f'minimu ta' 72 °C għal minimu ta' 15-il sekonda;

Jekk il-pH tal-*ħalib* ikun 7 jew ogħla, it-trattament bis-*sħana* tal-pastorizzazzjoni HTST f'minimu ta' 72 °C għal minimu ta' 15-il sekonda, applikat darbtejn;

Trattament bis-*sħana* tal-pastorizzazzjoni HTST f'minimu ta' 72 °C flimkien ma' trattament fiżiku biex jinkiseb valur tal-pH ta' inqas minn 6 għal minimu ta' siegħa;

Trattament bis-*sħana* tal-pastorizzazzjoni HTST f'minimu ta' 72 °C flimkien ma' dessikazzjoni.

8. Trattamenti għall-*plewropulmonite kaprina li tittieħed*

Ġewwieni

Trattament bis-*sħana* f'kontenitur issiġillat ermetikament, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3.

9. Trattamenti għad-*deni klassiku tal-*ħnieżer**

Laħam

Trattament bis-*sħana* f'kontenitur issiġillat ermetikament, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3;

Trattament bis-*sħana* biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' mill-inqas 80 °C;

Trattament bis-*sħana* biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' 70 °C għal minimu ta' 30 min;

Trattament bis-*sħana* f'kontenitur issiġillat ermetikament, bl-applikazzjoni ta' temperatura ta' mill-inqas 60 °C għal minimu ta' 4 sigħat;

Fermentazzjoni u maturazzjoni naturali għal perjodu minimu ta' 9 xhur, (ħlief għal-lojns: perjodu minimu ta' 140 jum u għall-prieżet: perjodu minimu ta' 190 jum), biex jinkisbu valuri massimi ta' A_w ta' 0,93 u pH ta' 6;

Tnixxif wara t-tmelliġ għal perjodu minimu ta' 182 jum.

Budellati

Tmelliġ bil-klorur tas-sodju (NaCl) niexef jew bħala salmura saturata ($A_w < 0,80$), għal perjodu kontinwu ta' 30 jum jew itwal f'temperatura ambjentali ta' 20 °C jew aktar;

Tmelliġ b'melħ issupplimentat bil-fosfat 86,5 % NaCl, 10,7 % Na₂HPO₄ u 2,8 % Na₃PO₄ niexef jew bħala salmura saturata ($A_w < 0,80$), għal perjodu kontinwu ta' 30 jum jew itwal f'temperatura ambjentali ta' 20 °C jew aktar;

Tmelliġ bil-melħ issupplimentat biċ-ċitrat b'89,2 % NaCl, 8,9 % ċitrat trisodiku diidrat u 1,9 % aċidu ċitriku monoidrat (wt/wt/wt) b'pH ta' 4,5, għal perjodu kontinwu ta' 30 jum jew itwal f'temperatura ambjentali ta' 20 °C jew aktar.

10. Trattamenti għad-deni tal-ħnieżer Afrikan

Laħam

Trattament bis-*sħana* f'kontenitur issiġillat ermetikament, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3;

Trattament bis-*sħana* biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' mill-inqas 80 °C;

Trattament bis-*sħana* biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' mill-inqas 70 °C għal minimu ta' 30 minuta;

Trattament bis-*sħana* f'kontenitur issiġillat ermetikament, bl-applikazzjoni ta' temperatura ta' mill-inqas 60 °C għal minimu ta' 4 sigħat;

Għal-laħam mingħajr għadam, fermentazzjoni u maturazzjoni naturali għal perjodu minimu ta' 9 xhur (ħlief għal-lojns: minimu ta' 140 jum u għall-prieżet: perjodu minimu ta' 190 jum), biex jinkisbu valuri massimi ta' A_w ta' 0,93 u pH ta' 6;

Tnixxif wara t-tmelliġ għal perjodu minimu ta' 182 jum.

Budellati

Tmelliġ bil-klorur tas-sodju (NaCl) niexef jew bħala salmura saturata ($A_w < 0,80$), għal perjodu kontinwu ta' 30 jum jew itwal f'temperatura ambjentali ta' 20 °C jew aktar;

Tmelliġ b'melħ issupplimentat bil-fosfat 86,5 % NaCl, 10,7 % Na₂HPO₄ u 2,8 % Na₃PO₄ niexef jew bħala salmura saturata ($A_w < 0,80$), għal perjodu kontinwu ta' 30 jum jew itwal f'temperatura ambjentali ta' 20 °C jew aktar.

11. **Trattamenti għall-marda Afrikana taż-żwiemel**

Il-laħam, il-budellati u l-ħalib huma komoditajiet sikuri.

12. **Trattamenti għall-influenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli**

Laħam

Trattament bis-sħana f'kontenitur issiġillat ermetikament, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3;

Trattament bis-sħana biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' mill-inqas 70 °C;

Trattament bis-sħana biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' mill-inqas 65,0 °C għal minimu ta' 42 sekonda;

Trattament bis-sħana biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' mill-inqas 60 °C għal minimu ta' 507 sekondi.

Bajd

Trattament bis-sħana, b'temperaturi li jilhqg fil-qalba tal-prodott mill-inqas il-valur indikat għall-ħin minimu indikat:

Bajda sħiħa:

- Imsajra kompletament;
- 60 °C - 188 sekonda.

Taħlitiet ta' bajd sħiħ:

- Imsajra kompletament;
- 61,1 °C - 94 sekonda;
- 60 °C - 188 sekonda.

Abjad tal-bajd likwidu:

- 56,7 °C - 232 sekonda;
- 55,6 °C - 870 sekonda.

Isfar tal-bajd sempliċi jew pur:

- 60 °C - 288 sekonda.

Isfar tal-bajd immellaħ 10 %:

- 62,2 °C - 138 sekonda.

Abjad tal-bajd imnixxef:

- 67 °C - 20 siegħa;
- 54,4 °C - 513-il siegħa.

13. **Trattamenti għall-marda ta' Newcastle**

Laħam

Trattament bis-sħana f'kontenitur issiġillat ermetikament, biex jinkiseb valur minimu ta' F_0 ta' 3;

Trattament bis-sħana biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' mill-inqas 70 °C;

Trattament bis-šhana biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' 60 °C għal minimu ta' 507 sekondi;

Trattament bis-šhana biex tinkiseb temperatura fil-qalba ta' 57,8 °C għal minimu ta' 63 minuta u 18-il sekonda.

Bajd

Trattament bis-šhana, b'temperaturi li jilħqu fil-qalba tal-prodott mill-inqas il-valur indikat għall-ħin minimu indikat:

Bajda sħiħa:

- Imsajra kompletament;
- 59 °C - 674 sekonda;
- 57 °C - 1 596 sekonda;
- 55 °C - 2 521 sekonda.

Bajda ffortifikata:

- 62,2 °C – 3 minuti u 30 sekonda;
- 61,1 °C – 6 minuti u 12-il sekonda.

Bajda biz-zokkor/immellħa:

- 63,3 °C - 3 minuti u 30 sekonda;
- 62,2 °C - 6 minuti u 12-il sekonda.

Abjad tal-bajd likwidu:

- 59 °C - 301 sekonda;
- 57 °C - 986 sekonda;
- 55 °C - 2 278 sekonda.

Isfar tal-bajd sempliċi jew pur:

- 61,1 °C - 3 minuti u 30 sekonda;
- 60 °C - 6 minuti u 12-il sekonda.

Isfar tal-bajd immellaħ 10 %:

- 55 °C - 176 sekonda.

Abjad tal-bajd imnixxef:

- 57 °C – 50 siegħa u 24 minuta.

* F₀ huwa l-effett mortali kkalkolat fuq l-ispori batteriċi. Valur ta' F₀ ta' 3 ifisser li l-aktar punt kiesaħ fil-prodott ikun ġie msaħħan biżżejjed biex jinkiseb l-istess effett mortali bħal 121°C (250°F) fi tliet minuti b'tisħin u tkessiħ istantanji.

Parti II

METODI BIEX JIĠI MMITIGAT IR-RISKJU TAT-TIXRID TA' MARD TAL-KATEGORIJA A GĦAL PRODOTTI SEKONDRARI TAL-ANIMALI U PRODOTTI DERIVATI MIŻ-ŻONA RISTRETTA

(kif imsemmija fl-Artikoli 27, 35, 37, 51 u 53)

Il-metodi li ġejjin għat-trattament, għat-trasformazzjoni jew għall-ipproċessar, kif deskritti fil-Kapitoli u fl-Annessi li ġejjin tar-Regolament (UE) Nru 142/2011:

1. Ipproċessar ta' prodotti derivati permezz tal-metodi standard ta' pproċessar minn 1 sa 5, imsemmija fl-Anness IV, il-Kapitolu III.
 2. Trasformazzjoni jew ikkompostjar permezz ta' parametri ta' trasformazzjoni standard għat-trasformazzjoni tal-bijogass jew għall-ikkompostjar, imsemmija fl-Anness V, il-Kapitolu III, it-Taqsima 1.
 3. Trattament doppju bis-sħana għall-iproċessar ta' prodotti derivati mill-ħalib jew ibbażati fuq il-ħalib, imsemmi fl-Anness X, il-Kapitolu II, it-Taqsima 4, il-Parti 1, il-punt B.
 4. Trattament bis-sħana għall-iproċessar tad-demel, imsemmi fl-Anness XI, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, il-punt (b).
 5. Trattament bis-sħana għall-manifattura tal-ikel għall-annimali domestiċi (jiġifieri, ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi, prodotti tal-magħad għall-klieb u interjuri għat-taħwir) imsemmi fl-Anness XIII, il-Kapitolu II, il-punt 3(a) u l-punt 3(b)(i), (ii) u (iii).
 6. Trattament ta' prodotti tad-demm mill-ekwidi b'wieħed mit-trattamenti segwit minn kontroll tal-effettività, kif stabbilit fl-Anness XIII, il-Kapitolu IV, il-punt 2(b)(ii).
 7. Trattament tal-ġlud, imsemmi fl-Anness I, il-punt 28; u l-iproċessar tal-ġlud, imsemmi fl-Anness XIII, il-Kapitolu V, il-punt C2.
 8. Trattament jew ipproċessar ta' trofej tal-kaċċa, imsemmi fl-Anness XIII, il-Kapitolu VI, il-punt C.
 9. Trattament tal-lanżit tal-ħnieżer, imsemmi fl-Anness XIII, il-Kapitolu VII, il-punt A2(a).
 10. Trattament tas-suf u x-xaġġar, imsemmi fl-Anness XIII, il-Kapitolu VII, il-punt B, it-tielet subparagrafu.
 11. Trattament għar-rix u ż-żajbar, imsemmi fl-Anness XIII, il-Kapitolu VII, il-punt C.
 12. Ipproċessar tad-derivattivi mix-xaħam, imsemmi fl-Anness XIII, il-Kapitolu XI, il-punti 1 u 2.”;
5. fl-ANNEX VIII, fit-tabella, fl-ewwel kolonna, it-test fit-tielet ringiela huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “Il-ħżin f'imballaġġ jew f'balel taħt kenn f'bini li ma jkunx eqreb minn 2 km sal-eqreb tifqigħa u r-rilaxx tal-materjali tal-għalf li joriġinaw mill-pjanti u tat-tiben mill-bini ma jsirux qabel ma jkunu għaddew mill-inqas erba' xhur wara t-tlestija tat-tindif u tad-diżinfekzjoni f'konformità mal-Artikolu 15.”;
6. L-Annessi IX, X u XI huma sostitwiti b'dan li ġej:

“ANNEX IX

IMMARKAR TA' LAĦAM FRISK MIŻ-ŻONA RISTRETTA

(Marki speċjali tas-saħħa jew ta' identifikazzjoni)

(imsemmija fl-Artikoli 33 u 49)

1. Il-marka speċjali ta' identifikazzjoni li għandha tiġi applikata għal-laħam frisk ta' pollam li joriġina miż-żona ta' protezzjoni u mhux maħsub għal Stat

Membri ieħor kif imsemmi fl-Artikolu 33(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament għandha tkun il-marka ta' identifikazzjoni prevista fl-Artikolu 5(1), il-punt (b) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, b'żewġ linji djagonali paralleli addizzjonali li jippermettu li l-informazzjoni fuqha tibqa' tinqara perfettament.

- Il-marka speċjali tas-saħħa jew, meta rilevanti, il-marka speċjali ta' identifikazzjoni li għandha tiġi applikata għal-laħam frisk maħsub għat-trattament fi stabbiliment tal-ipproċessar f'konformità mal-Artikolu 33(2), il-punt (a), u 49(2), il-punt (a), ta' dan ir-Regolament għandha tikkonsisti mill-marka tas-saħħa prevista fl-Artikolu 48 u fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 jew, meta rilevanti, il-marka ta' identifikazzjoni prevista fit-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, b'salib djagonali addizzjonali li jikkonsisti minn żewġ linji perfettament dritti li jinterċettaw fiċ-ċentru tat-timbru u li jippermetti li l-informazzjoni fuqu tibqa' tinqara perfettament.

ANNEX X

DURATA TAL-MIŻURI FIŻ-ŻONA TA' PROTEZZJONI

(imsemmija fl-Artikolu 39)

Mard tal-kategorija A	Perjodu minimu tad-durata tal-miżuri fiż-żona ta' protezzjoni (Artikolu 39(1))	Perjodu addizzjonali tad-durata tal-miżuri ta' sorveljanza fiż-żona ta' protezzjoni (Artikolu 39(3))
Marda tal-ilsien u d-dwiefer	15-il jum	15-il jum
Infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina	21 jum	9 ijiem
Infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift	30 jum	15-il jum
Infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda	28 jum	17-il jum
Infezzjoni bil- <i>Mycoplasma mycoides subsp. mycoides SC</i> (Plewropulmonite bovina li tittieħed)	90 jum	Mhux applikabbli
Ġidri tan-nagħaġ u ġidri tal-mogħoż	21 jum	9 ijiem
Infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar	21 jum	12-il jum
Plewropulmonite kaprina li tittieħed	45 jum	Mhux applikabbli
Marda Afrikana taż-żwiemel	12-il xahar	Mhux applikabbli
Infezzjoni b' <i>Burkholderia mallei</i> (Glanders)	6 xhur	Mhux applikabbli
Deni klassiku tal-ħnieżer	25 jum	15-il jum
Deni tal-ħnieżer Afrikan	15-il jum	15-il jum
Influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli	21 jum	9 ijiem
Infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle	21 jum	9 ijiem

ANNEX XI

DURATA TAL-MIŻURI FIŻ-ŻONA TA' SORVELJANZA

(imsemmi fl-Artikoli 55 u 56)

Mard tal-kategorija A	Perjodu minimu tad-durata tal-miżuri fiż-żona ta' sorveljanza
Marda tal-ilsien u d-dwiefer	30 jum
Infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina	30 jum
Infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift	45 jum
Infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda	45 jum
Infezzjoni bil- <i>Mycoplasma mycoides subsp. mycoides SC</i> (Plewropulmonite bovina li tittieħed)	90 jum
Ġidri tan-nagħaġ u ġidri tal-mogħoż	30 jum
Infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar	33 jum
Plewropulmonite kaprina li tittieħed	45 jum
Marda Afrikana taż-żwiemel	12-il xahar
Infezzjoni b' <i>Burkholderia mallei</i> (Glanders)	Mhux applikabbli
Deni klassiku tal-ħnieżer	40 jum
Deni tal-ħnieżer Afrikan	30 jum
Influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli	30 jum
Infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle	30 jum

“;

7. fl-ANNEX XII, fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(a) l-analiżi klinika u t-teħid ta' kampjuni għall-eżamijiet fil-laboratorju jridu jinkludu, kif rilevanti:

- (i) annimali tal-akkwakultura tal-ispeċijiet elenkati li juru sinjali kliniċi tal-marda tal-kategorija A rilevanti;
- (ii) annimali tal-akkwakultura li x'aktarx ikunu mietu reċentement mill-marda tal-kategorija A suspettata jew ikkonfermata;
- (iii) annimali tal-akkwakultura ssuspettati li huma infettati b'marda tal-Kategorija A;

(b) in-numru minimu ta' kampjuni li jridu jinġabru huwa stabbilit fit-tabella li ġejja:

	Xenarju		
Tip ta' annimali	Rapport ta' żieda fil-	Sinjali <i>post-mortem</i>	Suspett ibbażat fuq rabta

	mortalità	jew kliniċi osservati	epidemjoloġika jew ċirkostanzi oħra
Molluski (l-annimal kollu)	30	—	150
Krustaċċi	30	10	150
Ħut	30	10	150

”;

8. fl-ANNEX XV, it-Tabella 2 hija sostitwita b’dan li ġej:

“Tabella 2

- Skema speċifika għas-sorveljanza li tinkludi żjarat tas-saħħa u teħid ta’ kampjuni fi stabbilimenti għan-nekrożi ematopojetika epizootika (EHN) fl-annimali tal-akkwakultura ⁽¹⁾

Tip ta’ stabbiliment	Numru ta’ żjarat tas-saħħa kull sena	Numru ta’ drabi li ttieħdu l-kampjuni kull sena	Numru ta’ ħut fil-kampjun	
			Numru ta’ ħut li qiegħed jikber	Numru ta’ ħut riproduttur ⁽²⁾
(a) Stabbilimenti b’ħut riproduttur	2	2	150 (l-ewwel u t-tieni żjara)	150 (l-ewwel jew it-tieni żjara)
(b) Stabbilimenti b’ħut riproduttur biss	2	1	0	150 (l-ewwel jew it-tieni żjara)
(c) Stabbilimenti mingħajr ħut riproduttur	2	2	150 (l-ewwel u t-tieni żjara)	0
In-numru massimu ta’ ħut f’kull vaska: 10				

- It-teħid ta’ kampjuni tal-ħut għal eżami fil-laboratorju jrid isir kull meta t-temperatura tal-ilma tkun bejn 11 u 20 °C. Ir-rekwiżit tat-temperatura tal-ilma jrid japplika wkoll għaż-żjarat tas-saħħa. Fi stabbilimenti fejn it-temperatura tal-ilma ma tilħaqx il-11 °C matul is-sena, it-teħid ta’ kampjuni u ż-żjarat tas-saħħa jridu jsiru meta t-temperatura tal-ilma tkun fl-ogħla livell tagħha.
- Il-kampjuni mill-ħut riproduttur ma għandhomx jinkludu fluwidi gonadali, sperma tal-ħut jew ova, minħabba li ma teżisti l-ebda evidenza li EHN tikkawża infezzjoni fl-apparat riproduttiv.

- Durata tal-miżuri ta’ kontroll fiż-żona ta’ sorveljanza

Marda tal-kategorija A	Perjodi minimi ta’ sorveljanza
Infezzjoni b’ <i>Mikrocytos mackini</i>	3 snin
Infezzjoni b’ <i>Perkinsus marinus</i>	3 snin

Infezzjoni bil-virus tas-sindromu ta' Taura	sentejn
Infezzjoni bil-virus tas-sindromu tar-ras safra	sentejn
Nekrożi ematopojetika epizootika	sentejn

”.